MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 333/2014

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Ignatius Joseph Fenech K.I. 219186 (M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2014, li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' elf, tmien mija u disgħa Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1809.56) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 51011499,* mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut;

Ra **n-Nota tal-konvenut** ippreżentata fit-18 ta' Ġunju 2014 li permezz tagħha:

1. l-konvenut qiegħed jirrikonoxxi d-debitu li huwa għad għandu pendenti mas-soċjetà attriċi u formalment jirreġistra l-ammissjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri.

2. Illi madanakollu, l-esponent, anke bi qbil mal-kontroparti, qiegħed jitlob lil dan it-Tribunal jawtorizzah jissalda l-kreditu li huwa għandu mal-istess soċjetà attriċi permezz ta' pagamenti mensili ta' ħamsin Ewro kull xahar minħabba li huwa missier ta' ħamest itfal u li f'każ li l-ammont ikun dovut fl-intier tiegħu immedjatament, huwa ser jirriskontra diffikultajiet enormi fil-ħajja ta' kuljum tiegħu.

Ra illi l-konvenut xehed fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2014, fejn huwa ammetta t-talba attriċi kif dedotta u kkonferma li għandu jħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' elf, tmien mija u disa' Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1809.56).

Ra illi l-partijiet fl-istess seduta ftehmu illi l-ammont kollu dovut għandu jitħallas mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi f'pagamenti mensili ta' ħamsin Ewro (€50) kull xahar, u li jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effett tal-ammissjoni tiegħu u ddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

**Deċide**

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma elf, tmien mija u disa' Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1809.56), liema somma għandha titħallas fl-ammont ta' ħamsin Ewro (€50) kull xahar. Jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih. L-imgħax legali jiddekorri mid-data ta' kwalsiasi pagament illi ma jsirx, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------